2 5 JAN 2022

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 555**

**Il-Ħamis 30 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**555.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

555.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**555.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

555.2.1 Il-minuti tal-553 u tal-554 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**555.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

555.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li minħabba numru ta' każijiet attivi ta' COVID 19 fost l-impjegati tal-Kunsill, l-uffiċċju amministrattiv kien qed jaħdem bil-bibien magħluqa. Is-Sindku qal li minkejja diversi diffikultajiet, l-operat tal-Kunsill baqa' għaddej u s-servizzi kienu qed jiġu offruti *online* jew permezz tat-telefon. Is-Sindku żied jgħid li wħud mill-impjegati kienu offrew li jagħmlu xogħol mid-dar minkejja li kienu bis-*sick leave*.

555.3.2 Is-Sindku qal illi matul il-ġimgħat li ġejjin kienu mistennija jibdew numru ta' proġetti infrastrutturali.

555.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-*Mapfre Middlesea* hija ta' €50 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-impjegati kollha u għall-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

555.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill kellu mal-*Island Insurance Brokers* kienet ser tagħlaq. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi estiża għal sena addizzjonali l-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Island Insurance Brokers Limited.*

555.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet dwar il-kiri tal-garaxx li l-Kunsill għandu fi Triq id-Dukkar u li kien qed iservi bħala *store* għall-Kunsill u nfurmat lill-membri preżenti li sid il-garaxx kien talab żieda fil-prezz tal-kiri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li b'effett minn Frar 2022, din il-kirja ser tiswa lill-Kunsill €100 fix-xahar eskluż il-VAT. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded din il-kera għal sena addizzjonali għall-ħlas ta' €1,416 fis-senaVAT inkluż.

555.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand sidien ta' proprjetà fi Triq is-Santwarju fejn infurmaw lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li ġejjin se jibdew xogħlijiet sabiex jifthu aċċess temporanju mill-ġnien

tagħhom għas-*soft area* li hemm maġenb il-latrina fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Sindku żied jgħid li kien ingħata permess ta' *encroachment* mill-Awtorità tal-Artijiet mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku qal illi huwa kien ressaq l-ilment tiegħu mal-Awtorità tal-Artijiet dwar dan. Is-Sindku spjega li din is-*soft area* kienet magħluqa u jekk jinfetaħ aċċess mill-ġnien privat, kien ifisser li anke s-*soft area* trid tinfetaħ. Barra minnhekk ma kienx jaqbel li spazju pubbliku jittieħed minn individwi u jew li s-*soft area* tinbidel f'passaġġ. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi jekk il-Kunsill ma joġġezzjonax għal dawn it-tip ta' każijiet setgħa jinħoloq preċedent. Is-Sindku qal illi illum setgħa jinfetaħ bieb u għada pitghada jinfetaħ bieb ta' garaxx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn l-individwi diġa kienu ingħataw permess biex jiftħu aċċess temporanju mil-Awtorità tal-Artijiet. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tiġi sottomessa oġġezzjoni lill-Awtorità tal-Artijiet permezz tal-Perit tal-Kunsill sabiex il-permess ta' *encroachment* jiġi rtirat. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**555.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

555.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**555.5 Estimi Annwali 2022**

555.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament l-Estimi Annwali 2022.

555.5.2 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-minuti tal-laqgħa annwali pubblika li saret nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021.

**555.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

555.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti mill-1 ta' Diċembru 2021 sat-30 ta' Diċembru 2021 li kien jammonta għal €158,917.99.

**555.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

555.7.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda għall-kariga ta' uffiċjal eżekuttiv (skala 13). Is-Segretarju resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li l-applikanta ma kinitx adattata għal din il-kariga u għamel din ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien qiegħed fil-proċess sabiex jitlob is-servizz permezz ta' *recruitment agency*.

**555.8 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 5/2021)**

555.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa offerta waħda għall-ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2021) u ġiet evalwata mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li din l-offerta kienet teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand is-Sur Antoine Bartolo. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-offerent kienx l-istess kuntrattur li kien qed jiġbor l-iskart fil-preżent. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u nforma lill-membri preżenti li s-servizz kien għadu qed jingħata mill-istess kuntrattur li kien irrifjuta li jġedded il-kuntratt ZLC 5/2019. Dan peress illi l-kuntrattur magħżul sabiex jiġbor l-iskart domestiku sakemm jiġi konkluż il-proċess tal-offerti, permezz ta' *direct order*, kien irrifjuta li joffri s-servizz minħabba li ma sabx ħaddiema u trakkijiet biex jaħdem. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-kuntrattur kienx qed joffri s-servizz tiegħu b'mod sodisfaċenti. Is-Sindku qal illi l-Bord ta' Evalwazzjoni iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu b'mod tekniku u jikkonkludi jekk id-dokumenti sottomessi fl-offerta humiex konformi kif mitlub fl-istess sejħa. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-iskart ma kienx qed jinġabar minn Triq ix-Xgħajra, Sqaq Nru 1. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur kellu xi diffikultajiet minħabba li kien qed isir xogħol infrastrutturali fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku żied jgħid li din il-problema kienet ġiet riżolta. Is-Sur Joseph Agius spjega li l-kollettur kien qed jgħaddi mit-triq fis-7.15 u żied jgħid li sa dak il-ħin tal-ġbir, il-maġġoranza tar-residenti jkunu għadhom ma ħarġux il-borża tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti huma obbligati joħorġu l-borża tal-iskart fis-7.00 ta' filgħodu u li l-kuntrattur mhux obbligat jiġbor il-boroż li jkunu nħarġu wara li jkun għadda mit-triq. Barra minnhekk żiedet tgħid li l-kollettur m'għandux igeddeż il-boroż fil-kantuniera tat-triq. Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-passat ir-residenti kienu joħorġu l-borża tal-iskart fit-tmienja ta' filgħodu u żied jgħid li l-ġbir qed isir qabel il-ħin tas-soltu. Is-Sindku spjega li minħabba li bħalissa kienu għaddejjin diversi xogħlijiet infrastrutturali u kien hemm diversi toroq magħluqin, il-kuntrattur tal-iskart kellu jibdel xi rotot. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ser tintbgħat ittra lir-residenti li joqgħodu fi Triq ix-Xgħajra, Sqaq Nru 1 sabiex joħorġu l-borża tal-iskart fil-ħin. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-kuntrattur jiġi nfurmat biex jiġbor l-iskart minn wara l-bibien speċjalment fit-toroq dojoq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur huwa obbligat li jidħol bil-pass jew li juża vettura iżgħar sabiex jiġbor il-boroż tal-iskart f'każ li t-triq ma tkunx aċċessibbli għall-vetturi kbar. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet resqet rapport li kienet irċeviet mingħand residenti li joqgħodu fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka fejn allegaw li x-xufier tat-trakk kien talabom ipoġġu l-boroż tal-iskart fil-kantuniera tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet tkelmet mal-kuntrattur dwar dan il-każ u assiguraha li kien kellem lix-xufier sabiex jiġbor il-boroż minn wara kull bieb. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerent involut permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

- **Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)**

555.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni kienu għadhom ma kkonkludewx il-proċess minħabba li matul dawn iż-żminijiet tal-Milied ma jistgħux jintbgħatu talbiet għall-kjarifiki lill-offerenti permezz tal-*Electronic Public Procurement.*

- **Restawr tal-faċċata tal-mużew tas-Santwarju u l-ħajt taċ-ċimiterju permezz tal-fondi tal-LESA**

555.8.3 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' restawr tal-faċċata tal-mużew tas-Santwarju u l-ħajt taċ-ċimiterju. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti għar-restawr tal-faċċata tal-mużew tas-Santwarju u l-ħajt taċ-ċimiterju. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li minħabba s-sitwazzjoni preżenti u minħabba n-nuqqas ta' *staff* din is-sejħa ma kinitx ser toħroġ fl-immedjat. Dan peress illi din is-sejħa kienet tinvolvi ħafna xogħol preparatorju.

555.8.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal xogħol ta' restawr tal-faċċata tal-mużew tas-Santwarju u l-ħajt taċ-ċimiterju u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Edward Said u mis-Sinjuri Marco Cassar u Brian Farrugia.

555.8.5 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' *accountant* (ZLC 2/2022) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjuri Marco Cassar u Brian Farrugia u mill-Kunsillier is-Sur Mark Grech.

**555.9 Jum Ħaż-Żabbar**

555.9.1 Sabiex tonqos l-imxija tal-COVID 19, is-Sindku tkellem dwar il-possibiltà li Jum il-Lokal jiġi pospost għall-ġurnata oħra u minflok issuġġerixxa li fl-1 ta' Frar jinxtgħelu binjiet f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir viżwal fuq *Sala Notre Dame* u li din tinxtgħel bajda u ħamra bil-logo ipproġettat fuq il-binja. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Memo 122/2010 relatata mal-attivitajiet dwar Jum il-Lokal u qalet li l-ispiża globali għall-attivitajiet ta' Jum il-Lokal m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla. Is-Sur Angelo Scicluna issuġġerixxa li bħala miżura ta' prevenzjoni u kontroll minħabba l-COVID 19 l-attività ta' Jum il-Lokal issir xorta waħda u kulħadd ikun bilqiegħda. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi din l-attività għandha ssir xorta waħda u n-numru tal-mistiedna jkun wieħed limitat. Is-Sindku qal illi l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jagħtix ir-rikonoxximenti li ma ngħatawx fis-

snin ta' qabel. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi s-sitwazzjoni sal-1 ta' Frar tista' tinbidel għall-aħjar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex jiġi organizzat Jum Ħaż-Żabbar kien jinvolvi ħafna preparamenti u ma tistax tħalli għall-aħħar ġranet biex tibgħat l-inviti. Is-Sindku żied jgħid li l-inviti, iċ-ċertifikati, il-plakek kommemorattivi jkollhom id-data stampata fuqhom u f'każ li l-attività tiġi posposta tkun saret spiża bla bżonn. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li ċ-ċerimonja marbuta ma Jum il-Lokali m'għandhiex issir. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-1 ta' Frar kien viċin wisq biex is-sitwazzjoni tilħaq tinbidel. Is-Sindku qal illi biex l-attività tiġi organizzata bil-qiegħda, kien hemm problema ta' loġistika u restrizzjonijiet u l-attivitajiet jistgħu jinbidlu jew jiġu kkanċellati mill-Awtorità tas-Saħħa. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet jekk Jum il-Lokal setax jiġi organizzat f'Ġunju. Is-Sindku spjega li ma riedx jaħli r-riżorsi umani tal-Kunsill fuq attività bil-possibiltà li tiġi kkanċellata minħabba miżuri ġodda li setgħu jiddaħlu. Is-Sindku żied jgħid li l-impjegati kienu ser jidħlu lura għax-xogħol fit-tieni ġimgħa ta' Jannar u li waħda mill-impjegati kienet ser toħroġ bil-*maternity leave.* Is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex jibgħatu n-nominazzjonijiet tal-onorifiċenzi permezz tal-*email* sabiex jiġu approvati fil-laqgħa ta' Jannar u d-data tiġi deċiża aktar 'il quddiem. Is-Sur Mark Grech qal illi f'dan l-istadju l-attività għandha tiġi posposta u sabiex ma jintilifx is-sinjifikat ta' Jum il-Lokal, is-Sur Grech issuġġerixxa li tiġi organizzata attività virtwali u jiġu mfakkra personalitajiet li ngħataw unur. Is-Sindku qal illi f'każ li l-każijiet pożittivi tal-COVID 19 ikunu naqqsu u ma jkunx hemm restrizzjonijiet fuq l-attivijiet, iċ-ċerimonja tiġi ċċelebrata fit-2 jew fis-16 ta' Settembru. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li ċ-ċerimonja tiġi ċċelebrata għal data fil-futur. Il-Viċi Sindku qalet li minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti l-Kunsill irid jimxi ġurnata b'ġurnata. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jsir filmat tal-membri tal-Kunsill bħalma sar fil-passat. Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa li għall-1 ta' Frar isir filmat jew jinxtegħlu xi binjiet biex jiġi mfakkar Jum il-Lokal. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li fl-1 ta' Frar issir kommemorazzjoni b'mod viżwali u li ċ-ċerimonja tal-għoti tal-onorifenzi tiġi posposta għal ġurnata fil-futur.

## 555.10 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

555.10.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss u minħabba l-pandemija tal-COVID 19 l-onorifiċenzi jingħataw fil-futur skont iċ-ċirkostanzi u r-restrizzjonijiet maħruġa mis-Superintendent tas-Saħħa.

## 555.11 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

555.11.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra legali f'isem klijent u ġie mitlub li titwaħħal tabella sabiex ma jintremiex skart f'sit fi Triq iż-Żagħrun. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din it-tabella ġiet ordnata u ser titwaħħal fil-jiem li ġejjin.

555.11.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura DCE241 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Faqqus, fejn talab kumpens ta' €70 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

## 555.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

555.12.1 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *traffic management* fiż-żona ta' Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Santa Duminka, Triq Santa Tereża, Triq l-Iskola u Triq Lia. Is-Sindku qal illi t-*traffic management* f'din iż-żona diġa ġie approvat minn TM u l-implimentazzjoni mistennija ssir kif jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti qabel ma tiġi implimentata.

555.12.2 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *traffic management* fiż-żona ta' Triq A Caligari, Triq il-Fiġel u fiż-żona ta' Triq Villabate, Triq it-Tilliera u Triq is-Silla. Is-Sindku qal illi l-proposta ta' *traffic management* fiż-żona ta' Triq Villabate diġa kien ġiet approvata mill-Kunsill u t-tibdil fis-sistema tat-traffiku ser tiġi mplimentata wara li jitlesta l-proġett minn Transport Malta.

555.12.3 Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jsir injam taħt il-bankijiet fi Triq is-Santwarju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel il-ġranet tal-Milied kienet talbet lill-ħaddiema sabiex iwaħħlu l-injam u talbet lill-Viċi Sindku tinfurmaha f'każ li ma sarux.

555.12.4 Il-Viċi Sindku resqet ilment li kienet irċeviet mingħand residenti li joqgħodu fi Triq Santa Tereża minħabba li t-tieni saff ta' tarmak baqa' ma ngħatax minkejja li ntbgħatu ittri bid-dati ta' meta ser isir ix-xogħol. Is-Sindku qal illi meta kellu jsir ix-xogħol kienu tħallew xi vetturi ipparkjati fit-triq u l-kuntrattur ma setgħax jagħti t-tarmak. Barra minn hekk is-Surmast tal-iskola kien talab li x-xogħol jiġi pospost minħabba ir-riċeviment tal-iskola.

555.12.5 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas irreferiet għall-korrispondenza li kienet bgħatet dwar sinjali fi Triq Corrado. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq Corrado kien hemm talba sabiex isiru *double lines* fil-kantuniera u talba oħra biex ma jsirux. Is-Sindku qal illi din id-deċiżjoni trid titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

555.12.6 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li jitwaħħal l-arblu tad-dawl fi Triq il-Fikus. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-bidu tas-sena d-dieħla mistenni jsir ix-xogħol preparatorju sabiex jitwaħħal dan l-arblu.

555.12.7 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kellux *contracts manager*. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal illi ssir komunikazzjoni kontinwa.

555.12.8 Is-Sur Joseph Agius talab li jsiru l-marki tal-karreġġjata f'Misraħ Alofju Wignacourt.

555.12.9 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-*contracts manager* ikellem lir-residenti li kienu qed joħorġu l-iskart mhux skont l-iskeda f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku qal illi dak mhux xogħol il-*contracts manager*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-ilment kien tressaq quddiem l-Awtoritajiet konċernati.

555.12.10 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi ma kien sar xejn minn naħa tal-Lesa sabiex jingħata s-servizz ta' *green wardens* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi dan l-infurzar kien qed isir mill-ERA.

555.12.11 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir iż-*zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick u quddiem il-Park ta' San Klement. Is-Sindku qal illi kien iltaqa' mal-Enġiniera u li fil-ġimgħat li ġejjin il-kuntrattur kien mistenni jissottometti l-permessi meħtieġa sabiex jibdew ix-xogħlijiet.

555.12.12 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir WIFI fil-park ta' San Klement. Is-Sindku qal illi kien hemm il-possibiltà li jsir WIFI permezz tal-iskema WiFi4EU. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din it-talba diġa kienet tresqet għall-attenzjoni ta' *Parks Malta*.

**555.13 Mozzjonijiet**

555.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**555.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

555.14.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

555.14.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-556 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar, 2022

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku